**Il-ħlewwa tiegħek**

Xi grazzja meta l-Mulej jagħtini ċ-ċans
Li niġi ħdejk u flimkien ngħidu kelma,
Tkun kelma li twennes u tagħti l-ħajja
Meta t-tnejn, id f'id, ngħaddu minn wisq tlajja'.

Naraw ix-xemx tiela' għalina, nibku
Nafu kemm qlajna għax konna sinċieri,
Imma illum, fost tant uġiegħ ngħidu
Kemm hu sabiħ il-ferħ u x'jiġifieri.

Nibqgħu mexjin 'il bogħod għax Alla magħna
Jiftħilna l-bieb tat-tama li hu Kristu,
Bih f'leminna minn min għandna għax nibżgħu
Idejna f'idejh u miegħu nirsistu.

Niżik ħajr li b'dawk l-għajnejn innoċenti
Tgħaddili l-messaġġ hekk sabiħ u ferħan,
Messaġġ li jimhieli wisq lil dil-qalbi
Li tifraħ w tibki għax Franġiskan.

Ma nafx għaliex imma għalkemm qed tbati
Lili timlini b'biżibilju kuraġġ,
Għaliex tagħtini l-iprem garanzija
Li f'qalbi hemm Kristu, bil-ferħ mimlija.

Mhux importanti b'liema lsien titħaddet
Naf biss kemm tinnota kollox bi ħlewwa,
Anki meta xxerred xi demgħa mqanqla
Mill-ewwel torbotha soda mas-sewwa.

Jiġri x'jiġri fil-ħajja hemm se tibqa'
Fil-qalb tiegħi, int li s-sliem issa tiegħek,
Ibqa' kellimni u żommli idejja
Itmagħni lil Kristu bil-ħlewwa tiegħek.

Patri Mario Attard OFM Cap
24 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.